## Qorti Civili
## (Sezzjoni tal-Familja)

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 7 ta' Dicembru 2016**

Rikors Guramentat Nru. 257 / 11RGM

Kawza fil-lista: 19

**A B**
**vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

A. DIKJARAZZJONI TAL-FATTI

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar il-31 ta' Marzu tas-sena 2006, skont kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom, u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

2. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak u tkisser irrimedjabilment minhabba ragunijiet rikonoxxuti mil-Ligi senjatament eccessi, mohqrija, theddid, offizi gravi kommessi da parti tal-konvenut fuq l-esponenti u inkompatibilita' serja ta' karattru;

3. Illi l-partijiet isseparaw, de facto f'Ottubru tas-sena 2009 u baqghu hekk jghixu hekk separati, f'residenzi differenti, sallum;

4. Illi l-esponenti trid illi wara s-separazzjoni taghha minn ma' zewgha, hija tirriverti ghal kunjom xbubitha, ossia Cauchi;

5. Illi l-attrici giet awtorizzata sabiex tipprocedi b'din l-istanza permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 21 ta' Gunju 2011.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq dikjarati huma a diretta konoxxenza tal-attrici.

B. RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI

7. Il-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex tigi ddikjarata s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi, u sabiex jinghataw. id-dispozizzjonijiet kollha neccessarji u ancillari.

C. TALBIET ATTRICI

Ghaldaqstant l-attrici, in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob lill-konvenut jghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi imputabbli lill-konvenut u r-ragunijiet l-ohra rikonoxxuti fil-Ligi;

2. Tillikwida u xxolji l-Komunjoni ta' 1-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet occorendo bl-opera ta' l-periti nominandi;

3. Tapplika kontra 1-konvenut, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16 ta1-Ligijiet ta' Malta u tistabilixxi d-data minn meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li minnha kien hati tal-firda u ddekada mill-jeddijiet msemmija;

4. Taqsam u tiddividi l-beni kollha appartenenti lill-Komunjoni ta' l-Akkwisti, f'zewg ishma illi, in segwitu ghat-talbiet precedenti, ma jkunux ugwali, u tassenja dak is-sehem illi jmissha kull parti ai termini tal-istess billi tikkunsidra wkoll id-dati ta' l-akkwist tad-diversi beni u d-data minn meta l-konvenut ghandu jkun ikkunsidrat hati tat-tortijiet kommessi minnu b'konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimedjabilment;

5. Tassenja lill-attrici l-beni parafernali taghha u/jew, il-valur ta' l-istess u tordna lill-konvenut sabiex jirritorna lill-attrici l-beni kollha parafernali taghha, jew il-valur relattiv ta' l-istess jekk ikun il-kaz;

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;

7. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha ossia Cauchi;

8. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra l-eventwali sentenza fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-atti tal-medjazzjoni, kontra l-konvenut illi jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponent jaqbel li ghandha tigi ddikjarata s-separazzjoni personali b' dana illi kienet l-istess attrici illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti kif ser jirrizulta waqt il-kors tal-kawza.

2. Illi t-tieni u r-raba' talba dwar ix-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti mhijiex opposta; b'dana pero, illi kienet l-istess attrici illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk filwaqt illi ma hemm ebda lok ghal dekadenza tal-eccipjent, l-attrici ddekadiet mid-dritt taghha ghal sehem mill-oggetti akkwistati principalment mill-hidma tal-konvenut;

3. Illi t-tielet talba hija opposta stante illi l-konvenut ma kienx hati ghat-tifrik taz-zwieg u ghalhekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Ligi citati mill-attrici kontra l-konvenut.

4. Illi l-hames talba ma hijiex opposta biss jigi rilevat illi l-konvenut ma ghandux fil-pussess tieghu jew komunament mal-attrici, ebda oggetti parafernali tal-istess attrici. F' kull kaz it-talba alternattiva ghall-hlas ta' somma minflok dawn l-oggetti ma hiex mahsuba fil-Ligi.

5. Illi s-sitt talba u s-seba' talba tal-attrici ma humiex opposti purche` l-ispejjez tal-istess jigu sopportati mill-istess attrici.

6. Illi in kwantu l-kap tal-ispejjez, jigi rilevat illi l-esponent ilu ghal zmien twil joffri lil martu kundizzjonijiet ta' separazzjoni illi jeccedu bil-bosta fil-generozita' taghhom, l-intitolamenti tal-attrici skond il-Ligi u dan il-fatt ghandu jincidi fuq il-kap tal-ispejjez, partikolarment dawk l-ispejjez illi jirrigwardaw il-qasma tal-gid komuni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta' dokumenti tal-konvenut.

Rat illi fil-5 ta' Jannar 2012, il-Qorti nnominat lil Dr. Anna Mallia bhala Perit Legali a spejjez taz-zewg partijiet b'mod ugwali.

Rat is-sentenza in parte taghha tat-22 ta' Jannar 2013, kif konfermata fl-appell fit-28 ta' Marzu 2014, li permezz taghha gie ordnat il-waqfien tal-Komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ai termini tal-Artiklu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza ta' annullament taz-zwieg ta' bejn il-partijiet moghtija mit-Tribunal Ekklestjastiku tal-ewwel istanza tas-6 ta' Dicembru 2014 (Fol 1045) .

Rat illi l-Perit Legali halfet ir-rapport peritali taghha waqt l-udjenza tal-25 ta' Gunju 2015.[1]

Rat in-nota tal-attrici tad-19 ta' Jannar 2016 li permezz taghha pprezentat id-digriet moghti mit-Tribunal tat-Tieni Istanza datat 20 ta' Novembru 2015, kif ukoll id-digriet ta' ezekuttivita` moghti mit-Tribunal tat-Tieni Istanza nhar is-7 ta' Dicembru 2015.

Rat id-domandi bil-miktub tal-attrici in eskussjoni tal-Perit Legali u r-risposti tal-istess Perit Legali Dr Anna Mallia.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fl-14 ta' Lulju 2016.

Rat l-atti, x-xhieda u d-dokumenti kollha tal-kaz.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**:

Il-partijiet izzewgu fil-31 ta' Marzu 2006, u ma kellhomx tfal. Iz-zwieg taghhom gie dikjarat null u bla effett bis-sahha tal-gudizzju fuq citat, u ghalhekk mhuwiex aktar il-kaz li din il-Qorti tkompli tikkunsidra l-ewwel, it-tielet, is-sitt u t-tmien talba, u taghti decizjoni dwarhom. Jibqa` ghalhekk l-aspett patrimonjali tal-kawza x'jigi deciz.

**Ikkunsidrat**:

**ZWIEG PUTATTIV WARA ANNULLAMENT**

1 Fol 1210

Ghalkemm l-annullament ta’ zwieg ifisser li zwieg ma kienx hemm mill-bidunett; mhux kull annullament igib l-istess effetti f’dak li jirrigwarda l-aspett patrimonjali tal-vertenza.

**LIGI**

L-**Artikolu 20 tal-Att dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta)** jipprovdi illi:-

*'(1) Jekk żwieġ ikun dikjarat null l-effetti ta’ żwieġ validu għandhom jitqiesu li kienu jeżistu, favur il-miżżewġin sakemm is-sentenza ta’ nullità tkun saret res judicata meta l-miżżewġin ikunu żżewġu in bona fide.*

*(2) L-effetti ta’ żwieġ validu jitqiesu li dejjem kienu jeżistu għal dak li jirrigwarda t-tfal li jitwieldu jew konċepiti matul żwieġ dikjarat null kif ukoll għal dak li jirrigwarda tfal li jitwieldu qabel dak iż-żwieġ u li jkunu rikonoxxuti qabel ma tingħata s-sentenza ta’ nullità.*

*(3) Jekk waħda biss mill-partijiet kienet in bona fide dawk l-effetti japplikaw favur tagħha u favur l-ulied.*

*(4) Jekk ebda waħda mill-partijiet ma kienet in bona fide l-effetti ta’ żwieġ validu għandhom japplikaw biss favur l-ulied li jitwieldu jew konċepiti matul iż-żwieġ dikjarat null.*

*(5) Minkejja kull disposizzjoni oħra, min mir-raġel jew il-mara jkun responsabbli għan-nullità taż-żwieġ, ikun obbligat iħallas manteniment lill-parti l-oħra li tkun in bona fide għal perijodu ta’ ħames snin, liema obbligu jispiċċa jekk il-parti in bona fide tiżżewweġ matul dak iż-żmien. '*

Dan l-Artiklu dahal fis-sehh fis-sena 1981, filwaqt li l-partijiet izzewwgu fis-sena 2006, u ghalhekk tali provvediment legali huwa applikabbli ghall-kaz odjern.

**GURISPRUDENZA**

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet **Caroline Camilleri sive Caroline Camilleri Ciappara u b'digriet datat 25 ta' Mejju 2016 l-isem ghandu jaqra bhala Caroline Ciappara gja Camilleri vs Anthony sive Toni Camilleri**, fejn il-Qorti ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet dwar zwieg putattiv li huma applikabbli wkoll ghall-kaz odjern:

*'Fil-kawza fl-ismijiet "Stellini vs Tabone" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 ta' Jannar 2008 (Citaz nru 2613/1998NC) fejn il-mertu kien simili ghal dak tal-odjerna kawza, intqal hekk:-*

*"Illi in tema legali jigi osservat li l-kuncett ta' zwieg putattiv gie introdott fis-sistema guridiku nostrali bl-Att numru XXXIV tas-sena 1981 li ssostitwixxa l-Artikolu 20 li kien vigenti dak iz-zmien; u dana bhala eccezzjoni ghall-principju li "quod nullum est, nullum producit effectum" u huwa primarjament intiz biex jikkawtela d-drittijiet tat-tfal li jkunu twieldu fiz-zwieg li sussegwentement jigi dikjarat null; izda mhux biss, ghax permezz ta' dan l-artikolu l-legislatur ried ukoll jikkawtela l-effetti civili tal-konjugi li jkunu, jew tal-konugi li jkun, in buona fede. L-iskop tal-legislatur f'dan ir-rigward jirrizulta car minn qari tad-disposizzjoni tal-ligi, u jsib konfort qawwi fid-diskussjonijiet li saru meta din il-ligi kienet qed tigi diskussa fil-Parlament (Vide Parlamentary debates -Seduta numru 531 mizmuma 29 ta' Lulju 1981).*

*In propositu, il-Ministru tal-Gustizzja ta' dak iz-zmien qal 'inter alia' hekk:*

*"U allura hawnhekk qed noholqu effetti civili ghal dak iz-zwieg li jkun gie annullat u jissejjah zwieg putattiv. It-tfal jibqghu dejjem ikkunsidrati legittimi...(ommissis) Barra minn hekk, qedin niehdu hsieb li sakemm ikun hemm iz-zwieg li ma giex annullat, dak il-periodu ghandu, ghall-aspett civili, jitqies li z-zwieg ezista. Jigifieri dawk li huma drittijiet, per ezempju...." u l-Onorevoli Ministru jkompli biex jaghti ezempji dwar id-drittijiet patrimonjali tal-konjugi; u jishaq fuq il-fatt li bejn il-konjugi, il-ligi hija intiza biex tipprotegi dak il-konjugi li jkun in buona fede, kontra il-mala fede tal-konjugi l-iehor, distinzjoni li nsibuha fil-ligi Taljana; u aktar 'il quddiem fid-diskors tieghu isemmi propju il-kaz ta' eskluzjoni positiva bhala ezempju ta' mala fede da parti tal-konjugi.*

*Mill-premess jirrizulta car li l-Artikolu 20 ma jirrigwardax biss l-istatus tal-konjugi u ta' uliedhom wara l-annullament taz-zwieg, izda jirrigwarda ukoll l-effetti civili patrimonjali tal-konjugi. Dan jirrizulta car ukoll mill-kontenut tas-sub inciz (5) li jimponi fuq il-konjugi li jkun responsabbli ghall-annullament taz-zwieg, l-obbligu li jmantni ghal perijodu kwinkwennali, lill-konjugi l-iehor li jkun in buona fede. Inoltre, "Quod lex voluit lex dixit"; u l-ligi tghid biss"effetti civili" minghajr distinzjoni u ghalhekk tapplika il-massima legali li "quod lex non distinguere nec non distinguere debemus".*

*Illi minn qari tad-disposizzjoni in disamina, jirrizulta manifest li l-kriterju, jew ahjar l-ingredjent principali sabiex jissussisti zwieg putattiv, bejn il-konjugi, huwa l-esistenza tal-buona fede da parti taz-zewg konjugi jew da parti ta' wiehed biss. Fl-ewwel kaz l-effetti patrimonjali taz-zwieg civili " jitqiesu li kienu jezistu favur il-mizewgin sakemm is-sentenza ta' nullita' tkun saret 'res judicata'...", filwaqt li*

*fit-tieni kaz, dawn l-effetti jissussistu biss favur il-konjugi in buona fede. F'dik il-kawza rrizulta li z-zwieg kien null unikament minhabba l-fatt li l-mara kienet issimulat il-kunsens ghaz-zwieg bl-eskluzjoni posittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali ghaz-zwieg, cioe' l-att taz-zwieg. Pero' l-Qorti rriteniet li ghalkemm l-attrici ma tistax tinvoka favur taghha l-ezistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, dan ma ghandux jkun ta' ostakolu sabiex l-attrici tottjeni sehemha mill-gid akwistat bil-hidma taz-zewg partijiet tul il-kors taz-zwieg.*

*Kaz iehor fejn fil-mori ta' kawza ta ' separazzjoni personali, iz-zwieg tal-partijiet gie dikjarat null, u ghalhekk kien fadal li tinghata decizzjoni fuq l-aspett patrimonjali biss, kienu z-zewg kawzi tal-istess koppja decizi mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2011 fl-ismijiet **"Ernest Cilia vs Noelle mart Ernest Cilia, " Noelle mart Ernest Cilia vs Ernest Cilia".** F'dak il-kaz kien irrizulta illi ftit xhur qabel iz-zwieg, il-partijiet kienu xtraw bicca art fil-Wardija li fuqha bnew id-dar konjugali, gie ritenut li d-dar hi propjeta' tat-tnejn fi kwoti ndaqs bejniethom, u l-Qorti ordnat li l-propjeta' tinbiegh u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti dwar id-dar matrimonjali. Saret ukoll divizjoni tal-effetti mobbili, rigali tat-tieg, self, u djun kanonizzati b'sentenzi.*

*Fil-kawza fl-ismijiet **"Carmen Spiteri vs Renald Spiteri"** deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-21 ta' Novembru 2014, Citazzjoni Numru 1393/2003 l-attrici pprocediet b'kawza ta' separazzjoni personali kontra l-konvenut. Fil-pendenza tal-kawza b'sentenza tal-istess Qorti z-zwieg gie dikkjarat null ghal raguni imputabbli lir-ragel. Fis-sentenza tal-anullament gie stabbilit li z-zwieg kien null minhabba qerq adoperat mill-konvenut filwaqt li l-attrici kienet in 'buona fede'. Il-Qorti kellha dan xi tghid dwar l-Artikolu 20 tal-kap 255 :*

*" ....., u ghalhekk bis-sahha ta' dak li jghid l-Artikolu 20(1) u (3), ghalkemm iz-zwieg taghhom gie dikjarat null, xorta wahda "l-effetti ta' zwieg validu ghandhom jitqiesu li kienu jezistu" fil-konfront tal-attrici. Ghaldaqstant il-komunjoni tal-akkwisti li kienet tezisti matul iz-zwieg, ghalkemm giet terminata bl-annullament taz-zwieg, xorta wahda legalment ghandha tqis li kienet tezisti tul il-perijodu sad-data tal-annullament, u li ghada tezisti dwar dak l-assi li l-partijiet akkwistaw matul iz-zwieg taghhom.*

*Ghalhekk mhux il-kaz li ser issir divizjoni normali tal-assi li l-partijiet ghandhom in komuni, izda ser issir likwidazzjoni u divizjoni ta' assi li jiffurmaw il-komunjoni tal-akkwisti putattiva.*

*Kif gia' gie decis minn din il-Qorti " gjaladarba hemm komunjoni tal-akkwisti li ghad trid tigi likwidata u assenjata, allura dan ghandu jsehh skont id-disposizzjonijiet tal-ligi kollha li jirregolaw din il-komunjoni, fosthom l-Artikolu*

*48(1) (c) tal.Kap 16, fi kliem iehor din il-Qorti ghandha il-kompitu li tezamina l-provi dwar is-separazzjoni, u tasal ghall-htija ghall-istess, biex mbaghad tiddetermina jekk dik il-htija hijiex tali li tattira l-applikazzjoni tal-Artikolu precitat."*

*B'sentenza fl-ismijiet* **Edward De Gaetano vs Johanna De Gaetano** *(citaz nru 1578/2001) moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Marzu 2016 il-Qorti laqghet l-appell tal-attrici appellanti u ddikjarat li skont l-interpretazzjoni tal-Artikolu 20 tal-Kap. 255 l-konvenut appellat ghandu jitlef il-beneficcji kollha ta' dak li sar bil-hila taghha.*

*Il-Qorti, inter alia qalet hekk; " Din il-Qorti thoss li dan l-aggravju tal-appellanti huwa gustifikat fis-sens li l-effetti ta' dan iz-zwieg ghandhom jitqiesu validi biss fir-rigward tal-appellanti izda mhux tal-appellat peress li kienet biss l-appellanti li kienet in buona fede". Peress li z-zwieg gie annullat minhabba l-mala fede tar-ragel huwa tilef id-dritt li jgawdi mid-dhul tal-mara li kienet in buona fede.*

*Hu mportanti ghalhekk li jigi determinat fil-kawza tal-annullament taz-zwieg, jekk dan kienx ir-rizultat ta' qerq ta' parti fil-konfront tal-parti l-ohra, jew jekk it-tnejn kienu in buona fede jew li it-tnejn kienu in mala fede."*

Issir referenza wkoll ghal sentenza recenti tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Perit Herbert Debono vs Astrid Francione** u deciza fit-30 ta' Settembru 2016, fejn il-Qorti ghamlet osservazzjonijiet li ghandom relevanza sabiex jigi determinat meta ghandu jitqies li kien hemm *mala fede*:

*'15. Fil-kaz in ezami dak li legalment jorbot lill-partijiet huwa dak li kien gie deciz fis-sentenza tal-annullament moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u li ghaddiet f'gudikat; zgur li mhux permess li jerghu jingiebu provi sabiex jigi deciz dak li llum huwa gudikat, salv ovvjament ghal dak li ma kienx gie deciz f'dik is-sentenza, senjatament f'dik il-parti li hi omissa decisio u li tirrigwarda t-tieni t-talba li kienet saret f'dik il-kawza sabiex jigi dikjarat li l-attrici kienet iddekadiet mis-sehem taghha tal-komunjoni tal-akkwisti u t-tielet t-talba sabiex jigi dikjarat li l-attrici m' ghandhiex aktar dritt ghall-akkwisti b'effett mid-datat tas-sentenza ta' separazzjoni.*

*16. F'dik is-sentenza gie deciz li l-konvenuta rikonvenzjonanti, fuq talba taghha stess, kienet unikament hatja ghall-annullament taz-zwieg u konsegwentement giet akkollata thallas l-ispejjez kollha tal-kawza.*

*17. Ghalhekk dak li jirrigwarda l-fattur tal-mala fede da parti tal-konvenuta fiz-zmien li hi kienet tat il-kunsens matrimonjali taghha, din il-Qorti toserva fl-ewwel lok, li m'huwiex minnu dak sottomess mill-attur li kienet l-ewwel Qorti li ex officio*

*ssollevat dan il-fattur, izda kien l-istess attur li fir-rikors promotur ta' dan il-gudizzju u precizament fil-premessa markata numru 6 espressament jghid li "iz-zwieg bejn il-partijiet ma kienx ikkuntrattat in buona fede".*

*18. Fit-tieni lok, din il-Qorti tosserva li, ladarba l-Qorti fil-kawza tal-annullament laqghet it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta ghar-ragunijiet indikati minnha fl-Artikolu 19 fuq citat, minghajr ma indikat il-paragrafi relevanti fil-parti dispositiva tas-sentenza, dan ghandu jfisser li dik il-Qorti laqghet il-kontro-talba abbazi tal-paragrafi kollha indikati minnha fil-premessa tal-kontro-talba bhala ragunijiet ghall-akkoljiment tal-istess talba, fosthom is-simulazzjoni kontemplata fil-paragrafu [f] tal-istess artikolu. Ladarba dan hu hekk, mhux il-kaz li wara dak il-gudikat jerga' jigi ezaminat dan l-aspett tal-vertenza. Ghaldaqstant ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata rreferiet ghal dak li kien intqal fil-proceduri quddiem it-tribunal eklesjastiku. Jigi ribadit li dak li jghodd fil-ligi huwa dak li diga` gie deciz fil-kawza tal-annullament li saret gudikat.*

*19. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti hi tal-fehma li, ladarba gie defenittivament deciz li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenuta b'att pozittiv tal-volonta` taghha ssimulat dak il-kunsens, allura l-attur huwa gustifikat fis-sottomissjoni tieghu li, fil-konfront tal-attrici l-komunjoni tal-akkwisti kienet inezistenti ab initio, u ghalhekk it-talba tieghu kellha tigi milqugha."* [sottolinear tal-Qorti]

Minn din is-silta jigi dezunt illi mhux kull kawza ta' htija ghall-annullament taz-zwieg hija indikattiva ta' mala fede. Dan hwua wkoll konformi mal-principju ormai assodat illi l-buona fede hija prezunta filwaqt li l-mala fede trid tirrizulta ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti kkonstatat illi t-Tribunal Ekklesjastiku ppronunzja l-annullament taz-zwieg ta' bejn il-partijiet abbazi tal-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap. 255 tal-Lijiet ta' Malta. Jigi osservat li ghalkemm din ir-raguni ghall-annullament ta' dan iz-zwieg giet attribwita interament lill-konvenut, minn imkien ma jirrizulta li fil-kontrattazzjonji ta' dan iz-zwieg il-konvenut kien in *mala fede*, u in mankanza ta' provi li juru l-ezitenza ta' dan il-fattur, hija lecita l-presunzjoni favur il-bona fede fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali.

Ma ngabet ebda prova ta' simulazzjoni jew qerq da parti tal-konvenut, u n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ma jwassalx awtomatikament ghal konkluzjoni ta' qerq u konsegwenti mala fede fuq il-parti li tkun ikkawzat l-annullament. Difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ghandu l-origini tieghu f'kondizzjoni patologika illi fil-maggor parti tal-kazi ma hiex dipendenti fuq mala fede ta' min ikun wassal ghall-annullament taz-zwieg kagun ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju.

Konsegwenzjalment, minkejja d-dikjarazzjoni ta’ nullita` taz-zwieg tal-konjugi Camilleri b’tort imputabbli lill-konvenut, , l-effetti taz-zwieg validu ghandhom jitqiesu li kienu jezistu favur taghhom it-tnejn mid-data tal-kontrattazzjoni tieghu fil-31 ta' Marzu 2006 sad-data ta' meta d-decizjoni ta' annullament saret res judicata.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet giet itterminata fit-28 ta' Marzu 2014 in segwitu ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell f’dawn il-proceduri. Ghalhekk jehtieg biss illi ssir il-likwidazzjoni u l-konsegwenti assenjazzjoni tal-assi formanti parti minnha fid-data msemmija.

Il-Qorti ezaminat ir-rapport tal-Perit Legali u taghmel ampja referenza ghar-rassenja tad-dokumenti u l-esposizzjoni tal-provi dwar l-aspett patrimonjali tal-partijiet hemm kontenuta. A skans ta’ ripetizzjoni tali rassenja u esposizzjoni tal-provi qed tifforma parti integrali mill-prezenti sentenza.

**<u>DIVIZJONI  U ASSENJAZZJONI TAL-ASSI</u>**

**Dar Matrimonjali**

Jirrizulta li l-fond li kien iservi ta' dar matrimonjali tal-partijiet li jinsab f'2, Alley 1, Independence Avenue, Mosta, ga 2, Alley 1, Triq Tumas Dingli, Mosta inxtara qabel iz-zwieg miz-zewg partijiet flimkien f’sehem indaqs b'kuntratt fl-Atti tan-Nutar Anthony Abela datat 27 ta' Gunju 2001.[2]

Jirrizulta illi fil-mori ta' dawn il-proceduri il-Bank HSBC akkwista *animo compensandi* s-sehem indiviz tal-konvenut fuq l-imsemmija dar, u dan skond ma jirrizulta minn Dok CD2 a fol 1455 anness man-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici, b'dan illi <u>din m’ghadhiex komuni bejn il-partijiet.</u>

Jonqos ghalhekk illi jigi mistharreg jekk l-attrici hijiex intitolata ghal rimbors ta' spejjez u ripagamenti fuq il-*loan* minghand il-konvenut.

Jirrizulta inkontestat illi minn Ottubru 2009, il-konvenut ma kkontribwixxa xejn ghar-ripagamenti lill-bank u spejjez komuni. Il-Perit Legali f'pagna 21 tar-rapport taghha tikkonkludi illi l-konvenut ghandu jirrimborsa lill-attrici l-ammont ta' €10,846.71 rapprezentanti l-ispejjez li l-attrici hallset wahedha mid-data tas-separazzjoni de facto, u elenkati fl-istess rapport. Ma tirrizultax kontestazzjoni da parti tal-konvenut u ghalhekk il-Qorti qeghdha tadotta l-konkluzjoni peritali in rigward.

2 Fol 116

Il-konvenut ghandu jirrifondi lill-attrici l-pagamenti elenkati mill-Perit Legali f'pagna 21 tar-rapport taghha, hlief ghall-ammont illi ma jirrizultax li huwa dak indikat mill-Perit Legali (€10,846.71). Maghdua flimkien l-ammonti hemm indikati jwasslu ghal total ta' disat elef, tlett mija u tnejn u sebghin ewro (€9,372.76) b'dan illi l-konvenut ghandu jirrimborsa lill-attrici nofs dak l-ammont u cioe' s-somma ta' **€4,686.38.**

B'zieda ma' dan il-Qorti qeghdha tilqa` t-talba tal-attrici ghar-rifuzjoni minghand il-konvenut ta' nofs il-hlas ta' l-ammont ta' €33.27 rapprezentanti l-kontijiet pendenti tat-telephone u l-internet li sar f'Novembru 2009, nofs l-ammont ta' €25.51 rapprezentanti reklamar fil-gazzetta ghall-bejgh tad-dar matrimonjali, kif ukoll nofs il-pagament ta' €225.80 ghall-home insurance, kif spjegat mill-attrici fin-nota guramentata taghha a fol 76-77. In vista tal-fatt illi kif jidher minn Dok CD 1 a-b (fol 1453-1454), il-pagamenti li l-attrici qeghdha tippretendi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha huma recenti, jirrigwardaw spejjez li saru mill-konvenut u l-hlas taghhom kien necessarju sabiex il-fond ikun jista` jitpogga ghall-bejgh, il-Qorti qeghdha tordna wkoll illi l-konvenut jirrifondi lill-attrici s-somma **€652.80** fl-intier taghha rapprezentanti kontijiet ghas-servizzi fil-fond in kwistjoni.

B'hekk l-ammont totali li l-konvenut ghandu jirrifondi lill-attrici relattivi ghal spejjez u hlasijiet fuq il-fond li serva bhala l-fond matrimonjali tal-partijiet huwa ta' **€5,339.18.**

Ma jirrizultax gustifikat dak konkluz mill-abbli Perit Legali li l-konvenut ghandu jhallas l-interessi kollha fuq id-djun tal-partijiet mis-sena 2000, kemm ghaliex jirrizulta mix-xhieda ta' Charles Alamango (fol 815) illi kien ghal habta tas-sena 2009 illi l-partijiet avvicinawh sabiex ipoggu d-dar fuq is-suq, kif ukoll ghaliex wara s-sentenza tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja tat-22 ta' Settembru 2010 (fol 112), ma jidher li l-attrici hadet ebda azzjoni ulterjuri sabiex il-konvenut jigi ordnat jersaq ghall-bejgh tad-dar, sakemm kif gja inghad, fis-6 ta' Awwissu 2015 sehem il-konvenut mill-istess dar inxtara mill-bank HSBC animo compensandi.

**Vetturi**

Dwar il-Mini Cooper GBH 357 f'isem l-attrici, liema vettura nxtrat fiz-zwieg, l-attrici tissottometti illi taqbel mal-konkluzjonijiet tal-Perit Legali, filwaqt li l-konvenut ma jaghmel ebda accenn ghall-vetturi fin-nota guramentata tieghu. F'dan ir-rigward il-Qorti qed tadotta in parte l-konkluzjoni tal-Perit Legali f'pagna 23 tar-rapport taghha, b'dan illi l-vettura ghandha tigi assenjata lill-attrici minghajr ebda kumpens da parti tal-konvenut, sabiex mir-rikavat tal-bejgh tal-imsemmija karozza, l-attrici thallas id-dejn li fadal fuqha. Kwalsiasi bilanc jew dejn rimanenti fuq l-imsemmija vettura ghandu jigu assenjat lill-partijiet b'mod ugwali. In kwantu ghan-*negative value* li l-konvenut ikkawza fuq l-imsemmija vettura, huwa

ghandu jaghmel tajjeb ghalih billi jirrimborsa lill-attrici nofs il-pagamenti li ghamlet fuq l-imsemmija vettura.

Ghalhekk il-konvenut qed jigi kkundannat jirrimborsa lill-attrici s-somma ta' sitt elef, mitejn u hamsin ewro (**€6,250),** rapprezentanti nofs l-ammont ta' €12,500 ripagamenti li ghamlet l-attrici minn Awissu 2008, skont Dok PSC3 a fol 316 - 318.

B'zieda ma' dan il-Qorti qeghdha tilqa` wkoll is-sottomissjoniji tal-attrici illi kwalsiasi citazzjonijiet u multi jew penali bejn l-24 ta' Dicembru 2009 sat-12 ta' Marzu 2016 meta l-vettura kienet fil-pussess tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

Dwar il-mutur Aprilia FAS 967 fuq isem il-konvenut, dan inxtara, wara s-separazzjoni de facto izda qabel ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, fl-20 ta' Gunju 2011. Filwaqt li l-attrici tissottometti illi dan jista` jigi assenjat lill-konvenut, il-Perit Legali tikkonkludi li dan ghandu jigi assenjat lill-mara sabiex minnu thallas id-dejn fuq il-vettura GBH 357. In kwantu l-provvedimenti fuq il-vettura GBH 357 ga nghataw, il-Qorti qed tordna li l-mutur in kwistjoni ghandu jinbiegh u r-rikavat ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet, b'dan illi kwalsiasi citazzjonijiet multi, penali jew spejjez ohra in konnessjoni ma' dan il-mutur ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut.

Kwalsiasi vetturi parafernali tal-partijiet ghandhom jibqghu fuq dik il-parti li lilha tappartjeni l-vettura.

**Il-Kumpaniji Incosta Events Limited u Mikau Limited**

A fol 72 l-attrici tghid li ghandha 50% tal-ishma fil-kumpanija Incosta Events limited, liema ishma akwistathom qabel iz-zwieg, cioe fil- 5 ta’ Frar 2004, u l-istess kumpanija ghandha ishma f’kumpanija ohra bl-isem Mikau Company Limited li twaqfet fis-sena 2007 cioe wara z-zwieg. Fil-fatt jirrizulta minn Dok DC6 a fol 114 illi s-socjeta` Incosta Limited hija l-uniku azzjonist tal-istess socjeta` Mikau.

A fol 199 il-konvenut ddikjara li jaqbel li l-ishma tal-kumpanija Incosta Limited jappartjenu lill-attrici u li kull parti ghandha tiehu lura l-gid parafernali taghha, izda kontra din is-socjeta’ huwa jipposjedi s-segwenti drittijiet, jew ahjar ir-rifuzjoni tas-somma li huwa avvanza lill-kumpanija qabel u wara z-zwieg u hlas tan-*national insurance contributions* pagabbli lill-Gvern mill-kumpanija u sa issa mhux imhallsin.

Skont l-abbli l-Perit Legali l-konvenut ma gab ebda prova tal-pretensjonijiet li huwa avvanza fuq il-kumpanija u ghalhekk ma jistghux jigi milqugha. Il-Qorti

qed tabbraccja u tadotta din il-konkluzjoni in kwantu tikkonstata li ghajr ghad-dikjarazzjoni tieghu fin-nota guramentata, l-konvenut ma gab ebda prova in rigward u allura l-pretensjon tieghu ma tistax tigi akkolta.

In kwantu jirrizulta pacifiku illi l-ishma fil-kumpanija Incosta Events Limited huma parafernali tal-attrici, filwaqt illi ma rrizultat ebda konnessjoni tal-konvenut mal-kumpanija Mikau stante li Incosta hija l-unika *shareholder*,[3] din il-Qorti ma hiex tadotta l-konkluzjonijiet peritali in rigward tal-pretensjonijiet attrici ghar-rimbors mill-konvenut tal-hlasijiet li l-attrici setghet ghamlet ghan-nom tal-kumpaniji msemmija. Il-kumpaniji ma jiffurmawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejn il-partijiet, u ma ngabet ebda prova li tikkonvinci lill-Qorti sal-grad rikjest mill-Ligi illi l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghal kwalsiasi dejn jew hlasijiet maghmula mill-attrici ghan-nom tal-kumpaniji. Ghalhekk, salv kwalsiasi dritt li l-imsemmija kumpaniji jistaw jivvantaw fil-konfront tal-konvenut fi proceduri ad hoc, it-talbiet attrici in rigward qeghdin jigu respinti.

**Pagamenti lill-awdituri, lill-Kummissarju tal-VAT u kredituri taz-zewg kumpaniji**

Jirrizulta inkontestat illi l-pagamenti in kwistjoni pretizi mill-attrici jirrigwardaw il-kumpaniji Incosta Events Limited u Mikau Company Limited. L-attrici qed tippretendi rimbors da parti tal-konvenut ghall-hlasijiet li ghamlet lill-awdituri Mazars, hlasijiet ta' vat returns taz-zewg kumpaniji li kienu jinkludu imghaxijiet u multi, kif ukoll pagamenti lill-kredituri taz-zewg kumpaniji, in kwantu tikkontendi illi dawn id-djun kienu r-rizultat tal-agir tal-konvenut illi zamm kollox taht il-kontroll tieghu u agixxa b'mod irresponsabbli. Il-Perit Legali tikkonkludi illi ghalkemm l-attrici ma rnexxiliex ggib prova sodisfacenti tal-hlasijiet illi tghid illi ghamlet, il-Qorti tista` arbitrio boni viri tordna lill-konvenut ihallas nofs dak li hi tistabilixxi bhala hlasijiet li l-attrici ghamlet lill-awdituri sabiex lestew l-audited accounts.

Filwaqt li din il-Qorti tirribadixxi illi l-konvenut ma ghandu ebda sehem minn dawn il-kumpaniji, tinnota wkoll illi l-attrici kienet inkonsistenti fl-ammonti minnha pretizi. Filwaqt li fl-affidavit taghha tindika l-ammont ta' €5,210.36 (fol 90) bhala spejjez lill-awdituri Mazars, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tindika l-ammont ta' €6,198.56. Hija tipprezenta wkoll l-ircevuta (Dok CD6) fl-istadju ta' sottomissjonijiet li lanqas ma konfermata bil-gurament, u ghalhekk din il-Qorti ma hijiex ser tiehu konjizzjoni taghha. Fl-affidavit taghha tippretendi wkoll €6469 rapprezentanti VAT returns, inkluz multi u interessi filwaqt li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tindika l-ammont ta' €11,178.79 skont Dok CD7 u CD 8

3 Dan kollu jirrizulta mill-affidavit tal-attrici u d-dokumenti hemm annessi a fol 80 et seq.

ipprezentati fi stadju ta' sottomissjonijiet u li wkoll ma humiex mahlufa, u li ghalhekk lanqas ma jistghu jittiehdu inkonsiderazzjoni minn din il-Qorti.

Il-Qorti, filwaqt li tirrileva illi li l-obbligi legali ghall-gestjoni tal-imsemmija kumpaniji kien jispetta lill-attrici u mhux lill-konvenut, u tenut kont tal-mankanza ta' provi li jistghu jattribwixxu r-responsabbilta` tal-hlasijiet pretizi lill-konvenut, il-pretensjonijiet tal-attrici in rigward qed jigu respinti.

**Mobbli**

F'dan ir-rigward jehtieg li ssir id-divizjoni tal-mobbli akkwistati sew qabel ic-cerimonja tat-tieg sew wara, kif ukoll l-assenjazzjoni tal-mobbli parafernali. Il-Qorti qed tadotta ir-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-abbli Perit Legali f'pagna 19 u pagna 21 tar-rapport minnha redatt, bl-eccezzjoni tar-referenza taghha ghal fol 35 fil-konkluzjoni taghha f'pagna 19 tar-rapport, b'dan illi:

[1] L-oggetti elenkati f'Dok DC11 a fol 129 u dawk elenkati f'Dok DC12 a fol 130 ghandhom jigu assenjati lill-attrici in kwantu parafernali taghha.
[2] L-oggetti elenkati f'Dok DC13 a fol 144 jirrizulta li huma ta' omm l-attrici skont l-affidavit taghha a fol 144 u ghalhekk ghandhom jigu assenjati lill-attrici sabiex din troddhom lura lil ommha.
[3] In kwantu l-uniku pretensjoni vantata mill-konvenut hija dik a fol 200 fejn jghid illi r-rigali tat-tieg ghandhom jinqasmu, izda jonqos milli jtella` elenku jew stima in rigward, il-Qorti qeghda tapplika d-divizjoni u assenjazzjoni proposta mill-attrici fl-affidavit taghha, jew ahjar illi l-oggetti elenati f'Dok DC15 u DC16 annessi mal-affidavit taghha ghandhom jigu assenjati lilha, filwaqt li dawk elenkati f'Dok DC17 u DC18 ghandhom jigu assenjati lill-konvenut.

**Kontijiet bankarji u djun**

F'dan ir-rigward fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-attrici taqbel mal-konkluzjonijiet raggunti mill-Perit Legali fis-sens illi:

[1] Kull parti ghandha tigi assenjata l-kontijiet bankarji intestata f'isimha.
[2] Kull parti ghandha tassumi d-debiti kollha minnha nkorsi ad insaputa tal-parti l-ohra.
[3] Kwalsiasi dejn maghmul mill-partijiet konguntivament ghandu jithallas miz-zewg partijiet fi kwoti ugwali.

Ghal dan il-ghan, il-Qorti qeghdha tirreferi ghal konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet esposti mill-abbli Perit Legali f'pagna 28 sa 31 tar-rapport taghha

taht l-intestatura "Kontijiet Bankarji", liema konkluzjonijiet qed jifformaw parti minn dan il-gudikat, bis-segwenti eccezzjonijiet:

(a) bl-eccezzjoni tal-konkluzjoni taghha f'pagna 29 tar-rapport fejn jinghad li l-kont tal-credit card Mastercard f'Dok BOV 13 ghandu jassumih ir-ragel. Dan huwa fuq isem il-mara u l-Qorti ma rriskontratx raguni valida ghaliex ghandu jigi assenjat lir-ragel. L-istess kont ghandha ghalhekk tassumih l-attrici.

(b) bl-eccezzjoni tal-konkluzjoni taghha f'pagna 30 tar-rapport dwar l-ammonti f'Dok BOV X a fol 912 li allegatament gew zbankati mill-konvenut u li ghandhom jigi rifuzi minnu lill-kumpanija Incosta Events Limited. Dan jinghad in kwantu Incosta Events Limited ma hiex parti f'dawn il-proceduri u m'ghandhiex locus standi fihom, b'dan illi kwalsiasi pretensjoni li jista` jkollha kontra l-konvenut ghandha tigi vantata fi proceduri separati.

B'zieda ma' dan il-Qorti tilqa` s-sottomissjoni tal-attrici li kwalsiasi kontijiet bankarji kongunti ghandhom jigu utilizzati sabiex jigi saldat id-dejn li l-partijiet ghandhom konguntament mal-banek, u kwalsiasi dejn rimanenti ghandu jibqa` a karigu taz-zewg partijiet.

**SPEJJEZ GUDIZZJARJI**

Il-Qorti qieghda tilqa` r-rakkomandazzjoni tal-Perit Legali in rigward u takkolla l-ispejjez tal-kawza lill-konvenut.

Il-konvenut ghandu wkoll jirrifondi lill-attrici l-ammont ta' €614.11 rapprezentanti nofs l-ispejjez konnessi mar-rapport tal-Perit Legali, li ghalkemm huma a karigu taz-zewg partijiet b'mod ugwali, gew imhallsa kompletament mill-attrici.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza prevja li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici ghal dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali u dawk konnessi in vista tal-annullament taz-zwieg tal-partijiet fil-mori tal-kawza billi filwaqt li tichad u takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut fid-dawl ta' dak hawn deciz;

Tilqa' it-tieni, ir-raba' u l-hames talbiet attrici bil-mod kif deciz supra taht l-intestatura '**Divizjoni u Assenjazzjoni tal-Assi.**'

Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-ammonti indikati supra.

Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe' 'Cauchi.'

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**